# Ira Losco, Airport Impressions, Gianluca Bezzina u Johnny Logan l-attrazzjoni fl-Għaxaq Music Festival

minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com

Bi thejjija ghall-festa ta' Santa Marija li tkun ċelebrata f'Ħal Ghaxaq, fost postijiet ohrajn, l-Ghaqda Mużikali Santa Marija ta' Ħal Ghaxaq se twassal ġimgha ta' attivitajiet mużikali mmirati ghal udjenzi u gosti differenti, minn serata ta' ghana ghal *disco* kbir u żewġ kunċerti kbar bil-parteċipazzjoni ta' whud mill-aqwa *rock bands* lokali u mistieden internazzjonali.

Dawn l-attivitajiet jiġbdu attendenzi kbar bhalma ġara sena ilu meta l-mistiedna speċjali kienu Tribali u l-grupp Smokie.

L-Ghaqda Mużikali Santa Marija ta' Ħal Ghaxaq hi soċjetà li thabrek bis-shih biex tkun minn ta' quddiem fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti mużikali li aktar ma jghaddi ż-żmien, aktar qed isiru popolari fost il-Maltin.

L-organizzaturi li ilhom iwasslu dawn l-attivitajiet fuq skala kbira ghal dawn l-ahhar snin, bis-sehem ta' *tribute bands* barranin ukoll, din is-sena se jġibu lil Johnny Logan, maghruf ghas-suċċess kbir li dejjem kiseb fil-Eurovision Song Contest. Dan thabbar waqt konferenza ghall-*media* ftit tal-jiem ilu f'lukanda f'Buġibba.

Il-ġimgha ta' attivtajiet se tibda nhar it-Tnejn, 2 ta' Awwissu b'serata ta' ghana fil-pjazza ta' Ħal Ghaxaq. Uhud mill-aqwa ghannejja fosthom Kelinu 'is-Superstar' u tifel Rolandu, Jesmond 'il-Kalora' u ibnu Lawrence, Joe ta' Rahal Ġdid u ohrajn, se jghannu. Se jkun hemm ukoll fatt minn Żeppi Spagnol 'il-Kelba'.

L-ghada, mit-8 p.m. sa tard billejl se ssir it-tieni edizzjoni ta' *disco* kbir fil-pjazza ta' Ħal Ghaxaq bis-sehem tad-DJ Ryan Spiteri (*Rewind*) li ghal tliet sighat shah se jwassal l-aqwa *hits* tas-snin disghin.

Fil-5 ta' Awwissu se jkun hemm 'Serata Maltin Biss' li fiha jiehdu sehem bosta gruppi ta' żfin, *bands* lokali u kantanti ta' talenti ġodda kif ukoll kantanti maghrufa. Din is-serata se tkun b'risq l-Ghaqda Filantropika ta' Ħal Ghaxaq li thares iċ-ċittadini Ghaxqin li jkollhom bżonn isiefru barra ghal kura medika.

Dan ghadu biss il-bidu ghax il-festival mużikali jkompli jilhaq il-qofol tieghu b'żewġ kunċerti kbar. Nhar is-6 ta' Awwissu, Ira Losco u l-*band* taghha flimkien mal-*band* Airport Impressions jaghtu kunċert *live* ta' madwar saghtejn u nofs. Din se tkun l-ewwel darba li dawn se jkunu qed idoqqu flimkien.

Il-kunċert se jkun preżentat minn DJ Joe Tanti. L-ghada jsir il-kunċert minn Johnny Logan bis-sehem ta' Gianluca Bezzina. L-appuntament hu ghall-*ground* ta' Ħal Ghaxaq.

### Ira Losco

Kienet ilha fl-aġenda tal-organizzaturi li jġibu lil Ira Losco u fl-ahhar irnexxielhom. Il-karriera vibranti ta' Ira hi evidenti mhux biss fl-albums li harġet u fil-kunċerti kbar lokali u barra sew bhala solista kif ukoll mistiedna ta' artisti internazzjonali, iżda f'dak kollu li ghamilha esponenta b'suċċess u popolarità.

Fil-kunċert, Ira Losco wieghdet lill-*fans* taghha li se jkollhom sorpriża speċjali. Hi se tkun akkumpanjata minn disa' mużiċisti ohra.

Ix-xhur ta' qabel ma nharġ l-album ahhari *The Fire*, ghal Ira kienu żmien ta' riflessjoni ghall-materjal il-ġdid iżda wkoll kienu mument sabih meta kienet mistiedna tkanta barra fosthom fit-*tour* ta' Max Gazzè. L-album *The Fire* jara lil Ira versatili bi stil aktar mexxej, b'materjal li kien intlaqa' tajjeb hafna tant li ghamel madwar 10 ġimghat shah fuq *Itunes.*

Minn dan l-album harġet is-*singles What I'd give* segwita minn *The Person I am* li harġet biss tliet ġimghat qabel l-album il-ġdid li kienet indikazzjoni ċara li *The Fire* kien se jkun suċċess kbir. Ira Losco ghadha kif harġet *single* ohra *Me Luv you long time.*



*Johnny Logan – probabbilment l-aqwa attrazzjoni f'Ħal Għaxaq*

## Johnny Logan – il-mistieden internazzjonali

Johnny Logan hu kantant u kompożitur Irlandiż, imwieled l-Awstralja, iżda emigra lejn l-Irlanda meta kellu tliet snin.

Hu meqjus bhala *Mister Eurovision*, wara li pparteċipa fil-Festival tal-Eurovision ghal diversi drabi u rebah dan il-konkors fi tliet okkażjonijiet meta rrappreżenta lill-Irlanda. Fl-1980 rebah dan il-festival bhala kantant bil-kanzunetta *What's Another Year* li mbaghad ghamlitlu suċċess kbir fil-klassifika Ingliża.

Fl-1987 reġa' rebah, din id-darba wkoll bhala kompożitur bil-kanzunetta *Hold Me Now.* Fl-1992 ikkompona l-kanzunetta rebbieha *Why Me* kantata minn Linda Martin, fl-istess sena li Mary Spiteri kienet ġiet fit-tielet post. Bhala kompożitur ikklassifika fit-tieni post fl-istess festival tal-1984.

Proprjament jismu Seán Patrick Michael Sherrard u ha l-isem ta' Johnny Logan mill-karattru prinċipali tal-film *Guitar Johnny*. F'karriera ta' erbghin sena hareġ diversi *singles* u albums, bl-ewwel album jinhareġ fl-1979 bit-titlu *In London* u l-ahhar wiehed ikun dak li nhareġ f'April li ghadda li ġab l-isem *The Irish Connection II.* Hu hareġ madwar 40 *single.* Hadem ukoll ma' bosta esponenti kbar.

Fil-kunċert tieghu f'Malta, Logan se jkun akkumpanjat minn *band* ta' 18-il mużiċist li jinkludu l-*band* tieghu flimkien ma' mużiċisti lokali taht it-tmexxija ta' Mro Joe Brown.

Dan il-kunċert, li se jinkludi s-suċċessi l-kbar tieghu, mistenni jdum madwar saghtejn.

### Airport Impressions

Bhal Ira Losco, Airport Impressions jirrekordjaw u huma mmaniġġjati minn *Jagged House Management.* Fi ftit tax-xhur ohra, il-grupp Airport Impressions se johroġ it-tieni album tieghu. Bhalissa diġà sar hafna xoghol fir-*recording* ta' dan il-materjal il-ġdid mal-*producer* Howard Keith.

Airport Impressions, li kiseb popolarità f'dawn l-ahhar hames snin, irnexxielu jikseb bosta unuri mhux biss fiċ-*charts* iżda wkoll fil-*Music Awards.* Kollox beda meta Airport Impressions nieda l-ewwel *EP Seeing With Eyes Closed* u wara l-album shih *Minutes of a Lifetime.* Din il-*band* harġet ukoll barra minn xtutna hekk kif tat kunċerti fl-Irlanda u fl-Iżvezja.

### Gianluca Bezzina

Gianluca Bezzina mistenni jiftah dan il-kunċert. Illum Gianluca Bezzina m'ghadux wiċċ ġdid ghaliex bil-kariżma tieghu sar sinonimu mas-suċċess li Malta kisbet fl-ahhar edizzjoni tal-Eurovision Song Contest, xi haġa li konna ilna żmien nistennew li nerġghu nesperjenzaw.

Il-ġimgha li ghaddiet, Gianluca Bezzina nieda l-album debuttanti tieghu bhala solista, *Waiting for Tomorrow,* li jinkludi fih ghaxar diski li ġew miktuba bi produzzjoni ta' Boris Cezek u Dean Muscat, l-istess tim wara l-*hit single Tomorrow.* Dan ġie rrekordjat f'Doyaya Studios u nhareġ minn *label* indipendenti fl-Ingilterra, Albam Records.

Matul dan is-sajf, Gianluca se jiehu sehem f'diversi attivitajiet biex jippromwovi dan l-album, fosthom fil-kunċert annwali ta' Joseph Calleja & Friends nhar l-1 ta' Awwissu kif ukoll se jaghlaq il-Farsons Beer Festival fl-4 ta' Awwissu. F'Ghawdex, Gianluca se jkanta waqt kunċert li se jsir fis-17 ta' Awwissu.

Id-dhul ghal dan il-kunċert hu b'xejn iżda dawk li jattendu se jkunu mheġġa jaghtu donazzjoni b'risq Puttinu Cares.

